MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 228/2008/1

**Brittania Financial Services Ltd.**

**v.**

**Sovereign Caterers Ltd.**

**Il-Qorti:**

**1.** Illi b'Ittra Ufficjali datata 16 ta' Lulju, 2007, is-socjeta` Brittania Financial Services Ltd. ippretendiet li tirrendi ezekuttiv kuntratt ippubblikat min-Nutar Liza Camilleri fil-31 ta' Jannar, 2006, li in forza tieghu Ronald Azzopardi, f'isem il-kumpanija Sovereign Caterers Ltd., iddikjara li hu debitur tal-ewwel socjeta` fl-ammont ta'

Lm100,700, piu` imghax; din l-Ittra Ufficjali giet notifikata lid-ditta Sovereign Caterers Ltd. fid-19 ta' Lulju, 2007. Id-debitu ta' din l-ahhar socjeta` kien garantit b'ipoteka specjali fuq il-hanut ossija "bar and restaurant" fi Triq Santa Rita, Rabat.

**2.** Wara din l-Ittra Ufficjali, is-socjeta` debitrici hallset parti zghira biss mis-somma dovuta u s-socjeta` kreditrici, ghalhekk, b'rikors tat-22 ta' Awwissu 2007, talbet li t-titolu ezekuttiv taghha jigi ezegwit bil-bejgh fl-irkant tal-immobbli li fuqha kienet tgawdi ipoteka specjali (ara Artikolu 273(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). B'digriet tat-3 ta' Settembru, 2007, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tas-socjeta` Brittania Financial Services Ltd., u ordnat il-bejgh tal-fond ipotekat.

**3.** Dan il-bejgh kellu jinzamm fil-kurituri tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta fil-15 ta' April, 2008.

**4.** Fl-20 ta' Frar, 2008, is-socjeta` Sovereign Caterers Ltd. ressqet rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn talbet ir-revoka tad-digriet tat-3 ta' Settembru, 2007, u s-sospensjoni tas-subasta li kellha ssir fil-15 ta' April, 2008. In vista tal-fatt li, ai termini tal-Artikolu 281(3) tal-Kap. 12, il-Qorti, qabel ma tiddeciedi fuq talba simili, trid taghti smigh lill-partijiet, l-ewwel Qorti appuntat ir-rikors ghall-11 ta' Marzu, 2008.

**5.** Fit-8 ta' April, 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili pprovdiet fuq ir-rikors ta' Sovereign Caterers Ltd. fis-sens li gej:
"Regghet rat ir-rikors ta' *Sovereign Caterers Ltd.* tal-20 ta' Frar 2008 u d-digriet tal-21 ta' Frar 2008; Rat id-dokumenti u l-atti kollha relattivi;

"Rat illi l-art. 253*(b)* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid illi huwa titolu esekuttiv kuntratt ricevut min-nutar pubbliku meta dak il-kuntratt "huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq", u ma huwiex mehtieg illi l-kuntratt tkun saret novazzjoni; bizzejjed illi jkun hemm gharfien tad-dejn:

“Rat illi l-kuntratt tal-31 ta’ Jannar 2006 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri huwa “dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq”, b’gharfien ta’ dak id-dejn, u ghalhekk huwa titiolu esekuttiv:

“Ghalhekk tichad it-talbiet maghmula bir-rikors tal-20 ta’ Frar 2008, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

**6.** B’rikorsipprezentat fil-11 ta’ April, 2008, is-socjeta` Sovereign Caterers Ltd. appellat mill-qabel imsemmi digriet ghal quddiem din il-Qorti kif jipprovdi l-Artikolu 281(4) tal-imsemmi Kap. 12, u in forza tal-istess, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:
“… … … tirrevoka is-sentenza appellata fuq imsemmija u tilqa’ t-talbiet taghha billi (i) tirrevoka d-digriet tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta’ Settembru, 2007 fl-atti tas-subbasta numru 90/2007 u kull digriet iehor sussegwenti ghall-istess; u (ii) fil-mori tas-smigh ta’ dan ir-rikors, tissospendi s-subbasta numru 90/2007 a tenur tal-Artikolu 326 tal-Kap. 12.”

**7.** Fir-risposta taghha, is-socjeta` Brittania Financial Services Ltd. ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet li:
“… … … l-appell interpost mis-socjeta` appellanti ma jistax jintlaqa’ u ghandu jigi michud u jigi konfermat id-digriet impunjat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra is-socjeta` appellanti.”

**8.** Wara li fl-udjenza tas-16 ta’ Frar, 2010, quddiem din il-Qorti, giet carata l-bazi legali tal-appell, din il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**9.** Illi l-oggezzjoni tas-socjeta` Sovereign Caterers Ltd. ghall-bejgh fl-irkant tal-fond in kwistjoni, hu marbut mal-fatt li, peress li l-kuntratt tal-31 ta’ Jannar, 2006, fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri, jidher li hu kuntratt rikonjitorju u mhux il-kuntratt li bis-sahha tieghu gie kostitwit id-dejn, l-Ittra Ufficjali li in forza taghha s-socjeta` Brittania Financial Services Ltd. ippretendiet li takkwista titolu ezekuttiv, ma kellhiex tirreferi ghal dan il-kuntratt rikonjitorju, izda ghall-

kuntratti originali, u ladarba dawn il-kuntratti originali ma gewx rezi ezekuttivi, il-bejgh fl-irkant ma kellux jigi ordnat. L-ewwel Qorti cahdet dan l-argument wara li qieset li l-kuntratt tal-31 ta' Jannar, 2006, huwa kuntratt "dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq".

**10.** Din il-Qorti ezaminat l-aggravji tas-socjeta` Sovereign Caterers Ltd. fil-kuntest ta' din id-decizjoni pero`, ma tistax tqis li huma validi. L-Artikolu 253(b) tal-imsemmi Kap. 12 iqis bhala titolu ezekuttiv kuntratt ricevut min-nutar pubbliku li jkollu l-karatteristici indikati mill-ewwel Qorti. Mhux mehtieg li d-debitu nnifsu jinholoq b-att pubbliku, izda hu bizzejjed li d-debitur jirrikonoxxi d-debitu tieghu fuq kuntratt pubbliku. Dejn jista' jkun rizultat ta' self *brevi manu*, izda jekk id-debitur jirrikonoxxi d-debitu fuq att pubbliku, dak l-att ikun titolu ezekuttiv, basta li d-dejn ma jkunx soggett ghal xi kundizzjoni jew terminu stabbilit ghall-hlas, jew il-kundizzjoni tkun grat u t-terminu skada – fi kliem iehor id-debitu jkun "ghalaq". F'dan il-kaz, id-dejn ma kienx kundizzjonat, u s-somma dovuta hija wahda certa u likwida, tant li fil-kuntratt tal-31 ta' Jannar, 2006, ir-rapprezentant tas-socjeta` Sovereign Caterers Ltd. "iddikjara li hu debitur tat-tieni parti (is-socjeta` Brittania Financial Services Ltd.) ghas-somma komplessiva ta' Lm100,700".

**11.** L-Artikolu 253(b) jqis bhala titolu ezekuttiv, kull kuntratt "dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq", u mhux neccessarjament il-kuntratt originali li johloq dan id-dejn. Kif inghad, mhux mehtieg li d-dejn ikun jirrizulta minn kuntratt pubbliku, basta li ssir rikonoxximent tieghu mid-debitur fuq att pubbliku. Kwindi, l-appell tas-socjeta` Sovereign Cateres Ltd. ma jistax jigi milqugh.

**12.** Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` Sovereign Caterers Ltd. billi tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni appellata. L-ispejjez kollha marbuta ma' dan l-incident ghandhom jithallsu mis-socjeta` Sovereign Caterers Ltd. appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------